

Brussell, 19 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12714/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0321 (NLE)**

**ENFOPOL 318
CRIMORG 166
CT 109
IXIM 187
COLAC 146
CORDROGUE 110
JAI 1229
RELEX 1146**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom - adozzjoni

1. Fil-15 ta' Mejju 2023, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika Federattiva tal-Brażil għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet Brażiljani kompetenti fil-għieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu¹.
2. Abbażi ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kellha negozjati mal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil bejn Lulju 2023 u Ottubru 2024.

¹ 8525/23.

3. In-negozjati dwar il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar il-kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom ("il-Ftehim") ġew iffinalizzati b'suċċess u t-test tal-Ftehim ġie inizjalat fit-18 ta' Ottubru 2024.
4. Fit-18 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill:
 - a) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom² ("id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar"); u
 - b) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom³ ("id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni").
5. Fit-23 ta' Jannar 2025, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi (Pulizija) iddiskuta dawn il-proposti u t-test tal-Ftehim li kien meħmuż magħhom bħala anness (ADD 1). F'din il-laqgħa, kif ukoll bil-miktub, l-Istati Membri pproponew xi bidliet. L-Istati Membri kollha indikaw li setgħu jaqblu ma', jew tal-inqas ma jopponux, it-testi kif modifikati. Sussegwentement għal dan il-qbil fil-livell tekniku, il-ġuristi lingwisti rrevedew it-testi⁴.
6. Fl-24 ta' Frar 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar⁵ u, sussegwentement, il-Ftehim ġie ffirmat fil-5 ta' Marzu 2025.

² 17073/24 + ADD 1.

³ 17074/24 + ADD 1.

⁴ It-testi riveduti tad-Deċiżjonijiet u l-Ftehim jinsabu fid-dokument 5616/25 (id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar), id-dokument 5617/25 (id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni), u d-dokument 5618/25 (il-Ftehim). L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) 2016/794 u għalhekk qiegħda tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dawn id-Deċiżjonijiet. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dawn id-Deċiżjonijiet u mhijiex marbuta bihom jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħhom.

⁵ 5616/25.

7. Il-Parlament Ewropew ġie infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
8. F'konformità mal-Artikolu 218(6) TFUE, hija meħtieġa l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew qabel ma l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni.
9. Fl-10 ta' Marzu 2025, il-Kunsill baġhat talba għall-approvazzjoni lill-Parlament Ewropew, u fid-9 ta' Settembru 2025 il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.
10. Fid-dawl ta' dan kollu, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
 - jadotta, bħala punt "A", l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni, kif jinsab fid-dokument 5617/25, li miegħu huwa meħmuż il-Ftehim kif jinsab fid-dokument 5618/25;
 - jaqbel li t-test tad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni, flimkien mat-test tal-Ftehim, jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali;
 - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbaġhat lill-Parlament Ewropew.